**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att t'Akkuza 40/2022**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Daniele Vitale**

**Illum, 27 ta' Frar 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra **Daniele Vitale** iben Michele Vitale u Tarquinia xebba Sanacuore, imwieled Partenino, Palermo ġewwa Sqallija fl-erbgħa (04) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) u residenti ġewwa 92, Flat 5, Ruby Flats, Triq Il-Lampuka, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identita` Taljana nru. AX9961267, li l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**L-Uniku Kap:**

Illi nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) għal ħabta tas-sitta nieqes kwart ta' filgħodu (05:45) persuna ta' nazzjonalita' Taljana ta' sess maskili rrikorriet fl-Għassa ta' San Ġiljan titlob għall-għajnuna tgħajjat Help help, autatemi, autatemi. Illi dan ir-raġel baqa' barra fuq l-għatba tal-bieb tal-għassa tant li l-Pulizija kellha tirrikorri barra biex tkellmu. Illi meta l-Pulizija ħarġu barra u rawh

mimli demm ċemplu mill-ewwel l-isptar Mater Dei għall-assistenza medika. Illi kienu evidenti fuq dan ir-raġel diversi daqqiet b'xi strument li jaqta u bil-ponta fosthom waħda tant kbira fuq l-istonku li kien jidher l-intern jispunta l-barra.

Illi sakemm waslet l-ambulanza l-pulizija ppruvat tieħu kemm tista' informazzjoni mingħand din il-persuna sabiex tissokta bl-investigazzjoni tagħha sakemm tiġi rikoverata l-isptar. Illi għalkemm viżibilment muġugħ ir-raġel stqarr mal-pulizija li huwa ġie attakat b'sikkina ġewwa l-post fejn jirrisjedi minn persuna oħra maskili li tirrisjedi fl-istess post miegħu. Illi r-raġel stqarr ukoll li l-persuna li attakkatu kien jismu Daniele Vitale, minn issa l-quddiem jissejjaħ ukoll l-akkużat. Illi minn aktar stħarriġ irriżulta li l-allegat vittma kien jismu Mirko Basile. Illi l-fond mertu dan il-każ irriżulta li kien sitwat fi blokka ta' appartamenti, innummerata 56, senjatament l-appartament numru 5, fi Triq Forrest, San Giljan.

Illi malli l-allegat vittma wasal l-emerġenza tal-Isptar Mater Dei kien jinsab f'qagħda kritika tant li ġie ċċertifikat li kien fil-perikolu tal-mewt. Illi sadanittant il-Pulizija ta' San Ġiljan irrikorriet fl-imsemmi fond fejn mal-wasla tagħhom ġie nnutat ħafna tiċpis ħamrani, issuspettat demm, kemm fil-komun kif ukoll fil-parti ta' quddiem tal-kuritur, ġewwa l-imsemmi fond numru 5, li jagħti għaż-żewġt ikmamar ta' quddiem, f'liema kmamar, kien evidenti li seħħ xi ħaġa, peress li kien hemm ħafna taqlib, b'ħafna mill-affarijiet fosthom is-set tat-televiżjoni kif ukoll l-playstation mitfugħa fl-art. Illi mal-art fil-kuritur kien hemm ukoll ħadida tal-mgħodija bil-bord tagħha maqluba rasha l-isfel ħdejn il-mejda tal-ikel. Illi fuq l-imsemmija mejda kien hemm żewġt is-skieken, b'waħda minnhom mimlija b'tiċpis ħamrani, issuspettat demm. Illi minn testijiet li saru mis-Seroloġista maħtura fl-Inkjesta minn fuq il-kampjuni li ttieħdu minn fuq il-manku kif ukoll mix-xafra ta' din is-sikkina ġie żviluppat profil wieħed li qabel mal-profil ġenetiku tal-allegat vittma Mirco Basile.

Illi bħala parti mill-investigazzjoni l-Pulizija tkellmet ma diversi persuni, fosthom dawk li kienu jgħixu fil-fond numru 5 mal-allegat vittma u l-akkużat rispettivament, kif ukoll mal-persuna li kienet toqgħod biswit l-appartament tagħhom. Illi l-Pulizija

tkellmet ukoll ma tfajla ħabiba tal-akkużat, li waslet fuq il-post propju ftit tal-ħin wara li Mirko Basile safa attakkat mill-akkużat, fejn malli waslet quddiem il-blokka tfaċċa barra l-allegat vittma li qalla li kien attakah l-akkużat b'sikkina u ftit tal-mumenti wara deher ukoll l-akkużat bit-tnejn li huma jieħdu direzzjoni opposta. Illi l-Pulizija rnexxilha wkoll tiġbor is-CCTVs mill-akwati biex jiġu analizzati, bl-għajnuna u l-assistenza tal-espert tekniku li ġie maħtur fl-Inkjesta relattiva, għal aktar evidenza. Illi madwar xi sitt (6) sigħat wara li l-pulizija bdiet tinvestiga l-każ odjern l-għassa ta' San Ġiljan ġiet infurmata li ċertu Daniele Vitale kien ta' ruħu b'idejh fl-għassa tal-belt Valletta.

Illi wara li l-allegat vittma ġie operat darbtejn, kemm għal ġrieħi subiti fil-kavita tal-istonku kif ukoll fil-pali u l-polz ta' idejh  u fortunatament qaleb għall-aħjar, ġie mitkellem mill-Pulizija fejn stqarr li kien ilu Malta madwar sitt (6) xhur, b'dana li ma kienx jgħix kontinwament hawnhekk iżda li f'dak il-perjodu kien qatta aktar żmien f'Malta. Illi l-allegat vittma kkonferma li kien għadu kif wasal Malta nhar il-lejl tal-akkadut fejn kollox seħħ mal-lejl waqt li l-allegat vittma kien allegatament rieqed fil-kamra tiegħu. Illi l-allegat vittma spjega kif f'dak il-lejl l-akkużat tkellem miegħu diversi drabi, bil-vittma jgħidlu biex ma jibqgħax idejqu u jħallih bi kwietu jistrieħ. Illi aktar tard reġa' sema' il-qanpiena iżda ddeċieda li jibqa' fis-sodda u ftit tal-ħin wara ħass il-bieb tal-kamra jinfetaħ u ra dawl ta' mobile riesaq lejh u kien hawnhekk li l-akkużat allegatament tah l-ewwel daqqa ta' sikkina peress li l-allegat vittma ma għenux biex jirranġa mat-tfajla tiegħu. Illi malli ħass id-daqqa l-vittma ħareġ dritt il-barra mill-kamra tas-sodda u pprova jiddefendi ruħu bil-bord tal-mogħdija fil-kamra ta' barra bl-akkużat jibqa' jattakkah u jtih bis-sikkina. Illi l-allegat vittma rnexxilu jitfa lill-akkużat fl-art u jaħrab minn fuq il-post fejn, kif appena aċċennat, l-ewwel persuna li sab quddiem wiċċu kienet l-ħabiba tal-akkużat.

Illi mill-eżami mediko-legali tat-tabib espert ġie konkluż li l-allegat vittma Mirco Basile ġie operat peress li kellu leżjonijiet penetranti u ġie sottomess għall-explorative laparotomy fejn instab li kellu penetrazzjoni fil-fwied u fid-diaphragm. Illi l-imsemmija leżjonijiet ġew deskritti bħala gravi għar-raġuni tal-penetrazzjoni fl-

abdominal cavity. Illi rriżulta li kellu wkoll daqqiet fondi ta' sikkina fuq il-pala u l-polz ta' idejh tant li kellu bżonn intervent ieħor fl-għeruq.

Illi b'għemilu Daniele Vitale sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u cioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Mirco Basile) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, meta ta diversi daqqiet ta' sikkina fl-istonku u fid-direzzjoni ta' Mirco Basile, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tiegħu u dana peress li l-vittma rnexxilu jaħrab minn fuq il-post kif ukoll sforz l-intervent mediku f'waqtu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-Daniele Vitale ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u cioe' talli dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tiegħu; jitlob li jintgħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux aktar minn erbgħin (40) sena priġunerija, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15A, 17, 31(1)(a)(b), 41(1)(a), 211(1)(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi Daniela Vitale.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-akkużat Daniele Vitale ppreżentata nhar is-7 ta' Frar, 2023 fejn qajjem is-segwenti eċċezzjonijiet preliminari:

1. L-akkużat qiegħed jitlob l-isfilz tax-xhieda kollha fejn mit-traskrizzjoni tax-xhieda ma jirrizultax li gew amministrati l-gurament ai termini tal-Artikolu 631 tal-Kodici Kriminali u skont l-format stabbilit fl-Artikolu 577 (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u jigi sfilzati wkoll l-oggetti esebiti matul dik x-xhieda. Illi trid issir distinzjoni bejn verbal u x-xhieda nfisha u illi mhux bizzejjed jinghad '*….jixhed bil-gurament jghid'* izda x-xhieda biex tkun valida irid jirrizulta testwalment li x-xhud qed jigi moghti

l-gurament mir-registratur ai termini talArtikolu 632 tal-Kodici Kriminali u jigi registrat ukoll l-format tal-gurament li qed jittiehed fil-forma ta' *"Int A.B. aħlef (jew, wettaq solennement) li x-xiehda li sejjer tagħti, tkun is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Hekk Alla jgħinek."* Illi filwaqt li jezistu verbali fejn jinghad li xhieda xehdu bil-gurament pero ma jirrizultax mill-atti l-amministrazzjoni nfsiha tal-gurament u in mankanza ta' din il-prova x-xhieda ghandhom ikunu sfilzati stante li hemm distinzzjoni netta bejn verbal u l-fatt innifsu li jkun qed jigi ndikat permezz ta' dak il-verbal. Illi jinghad in oltre, illi lanqas r-rekwizit fl-Artikolu 390 (6) tal-Kap 9 ma gew osservati fit-traskrizzjonijiet tax-xhieda fil-kumpilazzjoni u ghaldaqstant ghandom jigu sfilzati u dana meta *Il-qorti tista', wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, ex officio,tordna li t-tweġibiet mogħtija mix-xhud, jew is-sustanza tagħhom, jittiehdu……..jew jiġu reġistrati b'mezzi elettromanjetiċi……..Ir-reġistrazzjoni elettromanjetika għandha tiġi traskritta taħt id-direzzjoni tar-reġistratur u t-traskrizzjoni għandha tidħol fl-atti tal-kawża. F'kull każ, it-traskrizzjoni tista' tkun miktuba bl-idejn jew bit-typewriter u għandha tinqara lix-xhud, matul is-seduta jew wara, mirreġistratur li għandu jniżżel nota ta' dak il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni.'*

2. L-isfilz tad-Dokumenti li jinstabu fl-Atti processwali a Fol. 2 sa fol. 12, u dan peress illi min imkien minn l-Atti processwali ma jirrizulta min ezebixxa dawn id-Dokumenti.

3. Illi l-korezzjoni li giet ordnaat mill-Qorti tal-Magistrati fl-isem tal-allegat vittma Mirko Basile, ma saritx skond il-ligi, u dan peress illi l-MAgistrat Sedenti naqset milli tiffirma fejn il-korrezzjoni maghmula, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 398 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, din il-korrezzjoni hija nulla u konsegwentament qisha qatt ma saret.

4. Illi fil-fehema tal-Akkuzat ghandu jkun hemm l-isfilz tad-depozizzjonijiet kollha mehuda minn Dr Lennox Vella fl-inkjesta u dan peress illi huwa gie mahtur sabiex jiehu x-xhieda **biss**, u dan bi ksur car ta'dak li jiddisponi l-proviso tal-Artikolu 552(2);

5. Illi ghandu jkun ordnat l-isfilz tar-Rapport ta' Martin Bajada, a Fol 520 et seq tal-atti processwali, u dan peress illi t-talba ghall-estenzjoni tal-inkarigu tieghu ma saritx b'ordni tal-Qorti;

6. Illi minkejja illi l-proceduri odjerni instemghu bil-lingwa MAltija, Poswan Ghirxi li ddeponiet fis-16.10.2016 tat id-depozizzjoni taghha bil-lingwa Ingliza, u ma jidhirx li qatt saret traduzzjoni ta' din id-depozozizzjoni ghal lingwa Maltija. Ghalhekk ghandu jigi ordnat l-isfilz ta' din ix-xhieda.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali għan-nota ta' Daniele Vitale, preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' Mejju, 2023.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet nhar is-7 ta' Diċembru, 2023.

**Ikkunsidrat,**

**Fl-ewwel eċċezzjoni** tiegħu l-akkużat, *in breve*, qiegħed jitlob l-isfilz tax-xhieda fejn mit-traskrizzjoni tax-xhieda ma jirriżultax li ġew amministrati l-ġurament ai termini tal-liġi u sabiex jiġu sfilzati wkoll l-oġġetti esebiti matul dik x-xhieda.

Illi mingħajr telf taż-żmien din il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Clayton Azzopardi**[1] fejn qalet is-segwenti:

> *'Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel referenza għal sentenza diga' kwotata supra u cioe' dik fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et***[2] *fejn gie ritenut hekk*:
>
> *...Illi fil-verbal tas-seduta tas-07 ta' Frar 2018 hemm ivverbalizzat:*

[1] Deciza nhar 11 ta' Mejju, 2023.
[2] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.

*"Xehdet bil-gurament Susan Fenech li esebiet il-proces verbal immarkat bhala Dokument SF."*

*Traskrizzjoni ta' din ix-xiehda in atti ma hemmx* u din il-Qorti tazzarda tghid li lanqas kien hemm bzonn ta' tali traskrizzjoni billi f'din ix-xiehda ma nghad xejn ghajr li x-xhud esebiet id-dokument u kwindi l-verbal huwa xiehda cara ta' dak li sehh.

*"**Ir-regola hi li dak li jseħħ quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jiġi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jiġix pruvat li dak li ġie reġistrat fil-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2002 (fol. 5 tal-atti) ġie reġistrat b'mod żbaljat jew inkomplet – u proprjament jekk wieħed jaqra sew l-ewwel aggravju isib li ma jingħad assolutament xejn speċifikatament dwar dan il-verbal jew il-korrettezza tiegħu – din il-Qorti neċessarjament trid toqgħod fuq il-verbal jew verbali li jkunu.**[3]"* (enfasi ta' din il-Qorti)

*Illi fis-sentenza* ***r-Repubblika ta' Malta vs Giovanna Pace u Christopher Mazzitelli***[4] *, fejn similment bhal fil-kaz odjern il-verbal tal-udjenza kien jindika illi Spettur tal-Pulizija xehed u ezebixxa dokument, izda ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xiehda tieghu, gie deciz hekk:*

***".... l-fatt li ma hemmx traskrizzjoni ta' xiehda ta' l-Ispettur Josric Mifsud tal-mument li fih esebixxa d-dokumenti msemmija, ma jfissirx illi ma ġiex somministrat lilu l-ġurament qabel ma esebihom. Mhux kull ma jingħad fl-Awla jiġi traskritt."***

[3] *Il-Pulizija v. Stephen Chetcuti et: App.Inf 07/11/2003*
[4] *App.Sup 13/06/2013*

*Fuq kollox l-artikolu 3 tal-Kapitolu 284 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi*

*"Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti **tista'** tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi."*

*Dan ifisser illi l-Qorti ma hijiex marbuta illi taghmel registrazzjoni tal-procediment li jkun qed isir quddiemha u li sussegwentement dawn jigu traskritti u ghalhekk tista' tirregistra kull haga li jsir matul l-udjenza bil-miktub, kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz.*

*Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni hija ghal kollox infondata u qed tigi michuda.*

***Din il-Qorti ssostni illi mhux kull ma jinghad fl-awla jigi transkritt. Ir-regola hi li dak li jsehh quddiem qorti u li hu, jew li jista' jkun, ta' importanza, jigi registrat fil-verbal ta' dik l-udjenza. Sakemm ma jigix pruvat li dak li gie registrat fil-verbal ta' l-udjenza gie registrat b'mod zbaljat jew inkomplet, il-Qorti toqghod fuq il-verbali. Huwa minnu li forsi l-amministrazzjoni tal-gurament skond il-ligi ma tirrizultax mill-atti, madankollu dan zgur ma jwassalx ghall-isfilz tax-xhieda fejn mit-traskrizzjoni ma jirrixultax li gew amministrati l-gurament. Oltre minn hekk, qas hu kaz ta'sfilz jekk ma jkunx hemm traskrizzjoni imma biss verbal f'dan ir-rigward. Ghalhekk, din il-Qorti qedgha tichad l-erbatax-il eccezzjoni.'***

F'rigward l-istess eċċezzjoni, l-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*'68. L-appellant isostni, iżda, illi minkejja li mhuwiex qiegħed jikkontesta l-verbali li saru quddiem il-Qorti Istruttorja, xorta waħda*

*mill-imsemmija verbali ma jirriżultax jekk l-amministrazzjoni tal-ġurament sarx skont il-liġi. Jinsisti illi l-artikolu 632 tal-Kap.9 huwa ċar meta hemm dispost b'mod tassattiv illi għandu jingħata il-ġurament lix-xhud u n-nuqqas ta' dan il-ġurament ma jippermettiex xhud li jagħti d-deposizzjoni tiegħu quddiem il-qorti.*

*69. Issa l-artikolu 631 tal-kodiċi Kriminali jiddisponi illi:*

*Ix-xhud li jistqarr ir-Reliġjon Kattolika Rumana għandu jaħlef kif hi d-drawwa ta' dawk li huma ta' dik ir-reliġjon; u x-xhud li ma jistqarrx din ir-reliġjon għandu jaħlef bil-mod li huwa jidhirlu illi hu tal-akbar rabta għall-kuxjenza tiegħu.*

***70. Dan ifisser illi kull xhud irid jiġi lilu somministrat il-ġurament bil-formola maħsuba fl-artikolu 632. Issa l-liġi mkien ma tiddisponi illi dan il-ġurament għandu jkun rifless verbatim fl-atti tal-kawża, u allura jkun implikat illi jekk fil-verbal tal-kawża hemm imniżżel illi x-xhud ikun xehed bil-ġurament ifisser illi lil dak ix-xhud kien somministrat il-ġurament bil-formola stabbilita fil-liġi. Illi l-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-appellant, li kien preżenti matul it-teħid tax-xiehda mill-Qorti Istruttorja, ma lmentax, quddiem dik il-Qorti, illi xi xhud kien xehed mingħajr ma kien mogħti il-ġurament, tant hu hekk illi huwa stess iddikjara illi mhuwiex qiegħed jikkontesta l-verbali tal-qorti. Jingħad biss illi minn eżami tal-atti kumpilatorji jirriżulta, kemm fil-verbal ta' kull seduta fejn instema' xi xhud, li x-xhud ikun xehed bil-ġurament, kif ukoll fit-traskrizzjoni ta' dik ix-xiehda, fejn hemm ukoll rifless dan il-fatt. Il-fatt li t-traskrittur ta' dik l-evidenza ma ittraskriviex kelma b'kelma l-għoti tal-ġurament ma jfissirx illi dan ma ngħatax fil-formula stabbilita fil-liġi. Żgur mhux forsi illi, anke jekk, gratia argomenti, jirriżulta dan in-nuqqas, li fil-fatt ma***

*jemerġi minn imkien fl-atti, xorta waħda dan ma iġġibx il-konsegwenzjali nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni. Fuq kollox ix-xhieda kollha li ddepponew quddiem l-Istruttur ser jerġgħu jixhdu fil-ġuri bil-Qorti Kriminali, fil-presenza tal-appellant, tissomministra il-ġurament lil kull xhud permezz tad-Deputat Reġistratur addett ma' dik il-Qorti. Illi finalment il-Qorti tosserva illi l-artikolu 577(3) tal-Kodiċi ta'l-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, li fuqu l-appellant qiegħed isejjes din l-eċċezzjoni, fost disposizzjonijiet tal-liġi oħra, ma jsibx applikazzjoni għal proċeduri kriminali u dan kif jirriżulta minn qari tal-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali[5]. Dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ u qed jiġi miċħud ukoll.*

Għaldaqstant, a skans ta' ripetizzjoni għal dak ġa ritenut fis-sentenzi suċitati, din il-Qorti qegħda tiċħad l-ewwel aggravju tal-akkużat.

**Fit-tieni aggravju** tiegħu, l-akkużat qiegħed jitlob l-isfilz tad-dokumenti li jinstabu fl-atti proċesswali a fol 2 sa fol 12 u dan peress li minn imkien mill-atti proċesswali ma jirriżulta min esebixxa dawn id-dokumenti.

Illi jidher li minn fol.2 sa fol.6 tal-proċess wieħed jista' jsib l-NPS Report; minn a fol. 7 sa fol. 10 wieħed jista' jsib l-istqarrija tal-akkużat; fol. 11, ċertifikat mediku tal-akkużat u fol. 12 il-fedina penali tal-akkużat. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-akkużat ma għandux raġun. Tgħid illi trid issir distinzjoni bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju ta' dokument. Għalhekk din il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Sant**[6] fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk f'dan ir-rigward:

[5] *645. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 570, 574, 578, 579, 580, 583, 584, 585, 586, 590, 592, 598, 599, tal-artikolu 60 (1)2 u tal-artikolu 605 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħoddu wkoll għall-qrati ta' ġustizzja kriminali u l-imsemmija artikoli 570, 574, 583, 590, u 592 jgħoddu wkoll għal kull proċedura taħt it-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb ta' dan il-Kodiċi.*

[6] Deciza nhar il-15 t' Ottubru, 2007.

*3. Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-appellant li dan id-dokument kellu jigi dikjarat inammissibbli.* ***Wiehed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju li jista' jinghata lil tali dokument****. Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u registrazzjonijiet ohra simili – jittella' jixhed xi hadd li jkun jista' jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; il-persuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraccabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l- oggett),* ***izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli****.* ***In-nuqqas ta' produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew gibed il-filmat (jew irregistra l-konversazzjoni) jista', skond ic-cirkostanzi, jincidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu*** *– ghalhekk* ***il-valur probatorju****. Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun hadet ir-ritratt jew filmat, jew li rregistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per ezempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga – l-azzjoni tkun cara izda ma jkunx jista' jigi identifikat min qed jaghmel dik l-azzjoni, cioe` jekk hux l-imputat jew persuna ohra. Min ikun ha dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx ghax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat. Kwistjoni simili kienet giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja***[7] *u in segwitu konfermata fuq dan il-*

[7] *Att ta' Akkuza numru 20/97.*

*punt minn din il-Qorti kollegjalment komposta.*[8] *Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita` ta' registrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefonici li allegatament kienu saru bejn l-akkuzat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja li l-pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tghid min irregistraha u kif dik ir-registrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-kaz kienet ghamlet referenza ghall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz* ***<u>Kuruma, son of Kaniu v. The Queen</u>***[9] *fejn a pagna 203 jinghad hekk:* ***"... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible, and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle."*** *Ghalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, il-principju jibqa' li t-test huwa dak tar-<u>relevanza</u>:* ***jekk il-filmat jew ritratti jew registrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jigifieri mhux manifestament irrelevanti – allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif inghad il-kwistjoni tal-valur probatorju****. Mill-banda l-ohra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tigi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew registrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir-rilevanza, il-qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu*[10]*.* ***<u>Il-kwistjoni tal-kontinwita` ta' l-evidenza</u>****, li l-abbli difensur ta' l-appellant sahaq fuqha kemm fir-rikors kif ukoll fit-*

[8] *Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri, u fl-istess ismijiet, tat-3 ta' Mejju 2000.*
[9] *[1955] AC 197.*
[10] *"A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender." – Blackstone's Criminal Practice – 2004 (OUP), para. F8.36, pagna 2145*

*trattazzjoni, tqum biss – u dan, fi kwalunkwe kaz,* ***fil-kuntest tal-valur probatorju*** *– jekk kemm-il darba jkun irid jigi stabbilit li l-oggett in kwistjoni huwa l-istess oggett misjub jew elevat minn x'imkien, u/jew li mill-mument li l-oggett gie hekk misjub jew elevat ma ntmessx fir-rigward ta' xi proprjeta` tieghu li tista' tghin fil-prova tal-htija jew tal-innocenza tal-imputat jew akkuzat.'*

Illi l-akkużat qiegħed jitlob l-isfilz għaliex qiegħed isostni illi minn imkien mill-proċess ma jirriżulta min esebixxa dawn id-dokumenti. Madankollu, dan ma jwassalx għall-inammissibbilita' ta' din l-evidenza u hija iktar xi ħaġa li kiku taffetwa l-valur probatorju tagħha. Għaldaqstant dan żgur ma jwassalx għall-isfilz tad-dokumenti minn fol. 2 sa 12 tal-proċess u **għalhekk it-tieni eċċezzjoni tal-akkużat qed tiġi miċħuda.**

**Fit-tielet eċċezzjoni** tiegħu, l-akkużat isostni illi l-korrezzjoni li ġiet ordnata mill-Qorti tal-Maġistrati fl-isem l-allegat vittma Mirko Basile ma saritx skont il-liġi u dan peress illi l-Maġistrat naqset milli tiffirma fejn il-korezzjoni magħmula u dan bi ksur tal-Artikolu 398 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk il-korrezzjoni hija nulla.

L-Artikolu 398 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi s-segwenti:

*'398. (1) Jekk, qabel ma jiġi iffirmat att, ikun jinħtieġ isir fih xi tibdil, korrezjoni jew żieda, dawn għandhom isiru b'postilla taħt l-att, u qabel ma dan jiġi iffirmat. It-tibdil, il-korrezzjoni jew iż-żieda li jinħtieġu jsiru wara li l-att jiġi iffirmat, għandhom isiru b'postilla fil-ġenb.*

*(2) Ma jista' jsir ebda brix f'ebda att u lanqas ma jista' jitħalla ebda vojt fih mingħajr ma jkollu linja mgħoddija fuqu, u jekk ikun jinħtieġ li jsir xi taħsir, dan għandu jsir b'mod li jħalli li l-kelma mħassra tkun tista' tinqara sewwa.*

***(3) Il-maġistrat għandu jiffirma wkoll dawk il-postilli jew taħsiriet.***

Illi huwa minnu, kif ben tajjeb ritenut fis-sub-inċiz 3 suċitat, illi l-Maġistrat għandu jiffirma il-post illi u taħsiriet. Fil-verbal data id-9 t' Ottubru, 2018 a fol. 28 tal-proċess wieħed jista' jinnota s-segwenti:

*'Fid-dawl tax-xhieda ta' l-Ispettur Leeroy Balzan Engerer, il-Qorti qed tordna korrezzjoni fl-ewwel u t-tieni akkuza dedotta fil-konfront ta' l-imputat fis-sens illi kunjom l-allegat vittma jigi ndikat bhala Basile minflok Putile*

*Id-difiza ma toggezzjonax ghal tali korrezzjoni'*

Dan il-verbal għandu wkoll l-inizjali tal-Maġistrat. Fl-ewwel paġna tal-proċess u cioe' fejn insibu l-akkużi kontra l-akkużat Vitale, jista' jiġi kkonfermat li tali korrezzjoni saret u hemm ukoll il-firma tal-Maġistrat, kemm fejn l-ewwel imputazzjoni, kif ukoll fejn it-tieni imputazzjoni. Għaldaqstant, in vista tas-suespost din il-Qorti qedgħa tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni mressqa mill-akkużat.

**<u>Fir-raba'eċċezzjoni</u>** preliminari tiegħu, l-akkużat Vitale qiegħed jisħaq illi għandu jkun hemm sfilz tad-depożizzjonijiet kollha meħuda minn Dr Lennox Vella fl-inkjesta u dan stante li huwa ġie maħtur biss sabiex jieħu x-xhieda u dan bi ksur tal-provisio tal-Artikolu 552(2) tal-Kodiċi Kriminali.

L-Artikolu 552 insibuh taħt it-titolu '*Awtopsja*' u s-sub-inċiż 2 jipprovdi hekk:

*Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u tal-artikolu 551(1), il-maġistrat jista' jaħtar espert mediku jew esperti mediċi u jista' wkoll jagħti lil dak l-espert jew lil dawk l-esperti s-setgħa li jisimgħu x-xiehda bil-ġurament biex jiġu stabbiliti l-identità tal-kadavru u l-kawża tal-mewt.*

Għalhekk kellu raġun l-Avukat Ġenerali jgħid li l-Artikolu ndikat mill-akkużat huwa skorret u li ssottometta li l-artikolu relevanti huwa it-tielet proviso tal-Artikolu 548(1) tal-Kap. 9 li jipprovdi hekk:

> *Iżda wkoll, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti, meta r-reat li għandu jiġi investigat hu wieħed li hu punibbli bi piena massima ta' priġunerija għal seba' snin jew aktar*

In oltre, huwa minnu, kif qed isostni l-akkużat li l-Maġistrat Inkwerenti ma segwitx il-liġi meta ħatret lil Dr Lennox Vella sabiex jisma lix-xhieda huwa stess u dan stante li r-reat li kien qed jiġi nvestigat hu wieħed punibbli b'piena massima ta' aktar minn seba' snin priġunerija. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Ir-Repubblika ta'Malta vs Carmel Saliba</u>**[11] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) kienet ipprovdiet is-segwenti dwar vertenza kważi identika għal dik li din il-Qorti għandha quddiema:

> *19. **It-tielet proviso ta' l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali** jgħid expressis verbis:*
>
> ***"Iżda wkoll, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti. "***
>
> *20. Issa, mill-proċess verbal jirriżulta illi fid-digriet tan-nomina ta' l-esperti il-Maġistrat Inkwirenti nnomina lill-Avukat Dottor Stefano Filletti "bħala espert legali biex jieħu x-xiehda neċessarji u jistabilixxi l-fatti kollha rilevanti dwar il-każ".* ***<u>Jiġifieri L-Avukat Filletti ġie</u>***

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar it-2 ta' Mejju,2013.

***nominat preċiżament biex jagħmel dak li l-liġi stess tgħid li m'għandux isir. B'danakollu il-liġi ma kkominat ebda nullita` marbuta man-nuqqas tal-Maġistrat Inkwirenti. Ma hemm xejn x'jeskludi li l-Avukat Filletti jiġi prodott bħala xhud ordinarju sabiex jixhed dwar il-konstatazzjonijiet fattwali li huwa għamel meta aċċeda fuq il-post ta' l-inċident u biex jikkonferma l-korrettezza tad-dikjarazzjonijet li sarulu u li ġew riportati minnu, naturalment safejn dan ikun meħtieġ. Għalhekk ma hemm xejn li jostakola l-użu tad-dikjarazzjonijiet msemmija, kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża għall-finijiet ta' kontroll, ġaladarba x-xhieda kollha minnu mismugħa xehdu waqt il-kumpilazzjoni u sejrin jiġu prodotti sabiex jixhdu viva voce waqt il-ġuri. Kwindi, u salv dak li jipprovdi l-ewwel proviso tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali[12], ir-relazzjoni ta' l-Avukat Filletti għandha tibqa' parti mill-provi iżda ma titqassamx lill-ġurati. Difatti xiehda preċedenti tinqara u titqassam f'każ li fl-okkażjoni li jkun qiegħed jiġi ċelebrat il-ġuri, "ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab".***

Fil-każ odjern, kif diġa ġie ritenut, huwa minnu li Dr Vella ġie nominat sabiex jagħmel dak li l-liġi tgħid espressament li m'għandux isir. Madankollu, il-liġi ma tipprovdix li għandu jkun hemm xi nullita' marbuta man-nuqqas tal-Maġistrat Inkwerenti. Għalhekk Dr Vella xorta waħda jista' jitressaq bħala xhud ordinarju sabiex jikkonferma l-korretezza tad-dikjarazzjonijiet li saru. Massimiliano Russo u Parmsawan Grixti ġew mismugħha mill-espert u sussegwentament iddeponew fil-kumpilazzjoni u huma wkoll imniżżlin fil-lista tax-xhieda sabiex jixhdu fil-ġuri. Għalhekk fir-rigward ta' dawn iż-żewġ xhieda ma hemm xejn li jostakola l-użu tad-

[12] *646(2) Ix-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova:*
*Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat viva voce kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (8):*

dikjarazzjonijiet tagħhom, kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiża għall-finijiet ta' kontrol. Iżda, mhux l-istess jista' jingħad għal Adrian Muscat li xehed biss quddiem l-espert Dr Vella u sussegwentament ma xehedx fil-kumpilazzjoni. Tant hu hekk illi kif ikkonferma l-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu, dan ix-xhud mhux indikat fil-lista tal-prosekuzzjoni u għalhekk għall-ġurati dan ix-xhud qisu ma jeżistix. Madankollu, r-relazzjoni ta' Dr Lennox Vella għandha tibqa' tagħmel parti mill-atti iżda ma titqassamx lil ġurati. **Għaldaqstant r-raba' eċċezzjoni tal-akkużat qedgħa tiġi wkoll miċħuda.**

Permezz **<u>tal-ħames eċċezzjoni preliminari</u>** l-akkużat qed jitlob li jiġi ordnat l-isfilz tar-Rapport ta' Martin Bajada a fol. 520 et seq tal-proċess u dan peress illi t-talba għall-estenzjoni tal-inkarigu tiegħu ma saritx b'ordni tal-Qorti.

L-espert Martin Bajada xehed nhar l-14 ta' Jannar, 2021 a fol. 520 tal-proċess u beda billi qal is-segwenti: *'Talabni l-Avukat Generali sabiex nikkonverti CCTV footage biex ikun jista' jigi 'played' fuq VLC.'* Madankollu, b'ħarsa lejn ir-rinviju datat il-21 t' Ottubru, 2020 a fol. 500 tal-proċess, il-ħames rekwizit tal-Avukat Ġenerali kien jgħid hekk:

> *'Tisma' lil Dr **Martin Bajada** senjatament fir-rigward is-CD li tifforma parti mir-relazzjoni, f'pagna 103 tal-ewwel volum, bl-ghan illi testendilu l-inkarigu sabiex l-imsemmija CD tkun tista' tinfetah u tinqara bil-<u>VLC media player'</u>*

Sussegwentament permezz tal-verbal datat il-5 ta' Novembru, 2020 a fol. 501 tal-proċess, il-Qorti qalet hekk:

> *'B'referenza ghall-hames (5) rekwizit fin-nota ta' rinviju ta' l-Avukat Generali, il-Qorti qed testendi l-inkarigu ta' l-Espert Martin Bajada sabiex is-CD minnu esebita tkun tista' tinfetah u tinqara bil-VLC media player.'*

Għaldaqstant, mhux minnu li t-talba għall-estenzjoni tal-inkarigu ta' Dr Martin Bajada ma saritx b'ordni tal-Qorti u għal din ir-raġuni qedgħa wkoll tiġi miċħuda l-ħames eċċezzjoni tal-akkużat stante li din hija waħda frivola u vessatorja.

**Fis-sitt eċċezzjoni** tiegħu, l-akkużat qed jitlob l-isfilz tax-xhieda ta' Poswan Ghirxi u dan stante li x-xhud xehedet bil-lingwa Ingliża u qatt ma saret traduzzjoni ta' din l-istess xhieda għal-lingwa Maltija.

L-akkużat waqt ix-xhieda ta' Poswan Ghirxi kien assistit mill-Avukat tiegħu u dan kif jixhed il-verbal datat is-16 t' Ottubru, 2018 a fol 65 tal-proċess. Preżenti wkoll kien hemm l-interpretu Imelda Fede li bdiet titraduċi mill-lingwa Ingliża għal dik Taljana lill-akkużat. Għaldaqstant l-akkużat kien konxju w beda jifhem dak kollu li bdiet tixhed Poswan Ghirxi. L-akkużat lanqas qatt ma talab għal tali traduzzjoni quddiem l-ewwel Qorti u minkejja li din it-traduzzjoni ma saritx, bl-ebda mod ma ġiet ippreġudikata d-difiża tal-każ tiegħu. In oltre, il-liġi mkien ma tipprovdi illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, tali xhieda hija inammissibli u allura għandha tiġi sfilzata.

F'dan l-istadju, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et**[13] fejn ingħad is-segwenti:

> *'Issa minn ezami tal-atti kumpilatorji ma jidhirx illi l-akkuzati f'xi zmien tallbu quddiem il-Qorti Istruttorja li ssir traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti. L-akkuzati kienu tul il-proceduri abbilment assistiti mid-difensuri taghhom sabiex b'hekk lanqas ma jista' jinghad illi id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq gie b'xi mod lez minhabba f'dan in-nuqqas. Fl-ebda hin ma lmentaw illi huma ma kenux qeghdin jifhmu il-kontenut ta' dawn id-dokumenti jew ukoll li ma setghux ihejju d-difiza taghhom. Mhux biss izda, sahansitra wara n-notifika lilu maghmula ta'l-Att ta'l-Akkuza, l-akkuzat stess Alfred Degiorgio fil-Lista tad-Dokumenti minnu ippezentata, jipprezenta traduzzjoni ta'*

[13] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.

*diversi deposizzjonijiet ta' xhieda mill-lingwa Maltija ghal dik Ingliza, sabiex b'hekk il-Qorti tista' tasal biex tifhem illi l-akkuzati ahwa Degiorgio jifhmu bil-lingwa Ingliza.*

***<u>Illi dan maghdud, madanakollu, ma hemm xejn fil-ligi li tirrendi tali rapporti u dokumenti inammissibbli stante illi l-akkuzati kellhom kull opportunita' li jitolbu li ssir it-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti, haga li naqqsu milli jaghmlu u kwindi ma jistghux jippretendu li issa fi stadju inoltrat ta' dawn il-proceduri l-Qorti tordna l-isfilz ta'l-istess minhabba nuqqas minn naha taghhom.</u>*** *Fuq kollox, jerga' jigi ribadit illi l-akkuzati dejjem kienu abbilment assistiti mid-difensur taghhom u fuq kollox ix-xhieda li pprezentaw dawn ir-rapporti u d-dokumenti spjegaw il-kontenut ta'l-istess fil-kors tad-deposizzjoni taghhom quddiem il-Qorti Istruttorja. Ma jidhirx ghalhekk illi kien hemm xi nuqqas ta' osservanza ta' dak li jipprovdi l-artikolu 5(3) tal-Kostituzzjoni, l-artikolu 516 u l-artikolu 534D, hawn fuq iccitat, tal-Kodici Kriminali biex b'hekk dan ma jista' qatt iwassal ghan-nullita' jew inammissibbilita' tal-prova li l-akkuzati qed ifitxxu biex ixejjnu.*

***"….. din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jinghad mill-awtur Karen Reid fit-tieni edizzjoni tal-ktieb taghha A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights: "The ability to comprehend the proceedings in a criminal trial, guaranteed in Art. 6, para. 3(e), may be seen as another aspect of the importance for an accused to participate effectively in the proceedings. For the right to be effective, the obligation of the authorities is not limited to the provision of an interpreter, but may also extend to a degree of control over the adequacy of the interpretation provided. Issues as to the standard of the interpretation could arise <u>if</u> it could be established as damaging to the accused's effective participation***

***in the proceedings. Although a failure to complain at the time may be fatal to claims before the Court as generally domestic courts must be given an opportunity to remedy any inadequacy, the onus is nontheless on the trial judge to treat an accused's interest with 'scrupulous care' and take steps to ensure his ability to participate where problems are drawn to his attention…The requirement for interpretation must, however, be genuine and necessary to the fair conduct of the proceedings. Where an applicant has sufficient understanding of the language of the proceedings, he cannot claim a cultural or political preference for another. Once it is apparent that the applicant requires interpretation assistance, it is unlikely that informal and unprofessional assistance will be sufficient. Article 6, para. 3(e) has been held to cover documentary material and pre-trail matters, but it does not extend to requiring translations of all documents in the proceedings. It is sufficient if the applicant is assisted by interpreters, translations and the help of his lawyers so that he has knowledge of the case which enables him to defend himself, in particular by being able to put forward his version of events. If this standard is reached, a failure to provide all the translations an applicant might have wanted is not a problem. An applicant would presumably have to indicate that the untranslated documents were material to his ability to defend himself and that he was refused or not permitted the necessary facilities[14]." (sottolinjar tal-Qorti).***

*Ghal dawn il-motivi dawn l-eccezzonijiet (Eccezzjonijiet numri 45 u 46) qed jigu michuda.*[15]

[14] *Qorti Appell Kriminali* ***Il-Pulizija vs Andriy Petrovych Pashkov*** *deciza 10/09/2009.*
[15] Din id-decizjoni giet ukoll ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-22 ta' Settembru, 2021.

Għaldaqstant, din il-Qorti qedgħa tiċħad ukoll is-sitt u l-aħħar aggravju tal-akkużat.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qedgħa tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-akkużat Daniele Vitale.

Tiddifferixxi l-kawża *sine die*, sakemm ikun magħruf l-eżitu ta' xi appell eventwali, u jekk ma jkunx hemm tali appell, sakemm il-kawża jmissha t-turn tagħha biex tinstema' minn din il-Qorti bil-ġurati.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**